MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 298/2012

**Frank Borda Limited (C-446)**
**Vs**
**Samson Mahlangu (K.I. 2016679P) u Eva Mahlangu (K.I. 64064M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ddikjarat li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati in solidum ihallsu s-somma t’ elfejn, seba’ mija u sittax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,716.27) rapprezentanti import ta’ tnejn u tletin kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. A); bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala rispettiva kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis- 07 ta’ Novembru, 2012 mill-Avukat Claudine P. Zarb u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont t’ elfejn, seba’ mija u sittax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,716.27) u bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala rispettiva kontra l-konvenuti sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------